

Brussell, 11 ta' April 2017
(OR. en)

8092/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0818 (CNS)**

**DAPIX 134
CRIMORG 78
ENFOPOL 173
ENFOCUSTOM 98
JAI 329**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13521/16
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2014/911/UE

1. Bis-sentenza tagħha tat-22 ta' Settembru 2016 fil-Kawżi Magħquda C-14/15 u C-116/15, il-Qorti tal-Ġustizzja ħassret id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/911/UE dwar it-tnedija tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/911/UE ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni ta' Prüm u konsegwentement ġiet vizzjata minn żewġ difetti proċedurali, jiġifieri, minn naħa, ir-rekwiżit ta' unanimità għal dik id-Deċiżjoni, u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew. Madankollu, f'dik is-sentenza l-Qorti żammet l-effetti ta' dik id-Deċiżjoni sad-dħul fis-seħħ ta' att ġdid maħsub biex jissostitwixxiha.
2. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, abbażi tal-Artikolu 33 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/911/UE.

3. Kif meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, fit-13 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dok. 13521/16 JAI 855 DAPIX 181 CRIMORG 132 ENFOPOL 358 ENFOCUSTOM 167.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' April 2017.
5. *Abbażi ta' dan, il-COREPER huwa mitlub jistieden lill-Kunsill biex jadotta bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2014/911/UE, kif tinsab fi 13521/16 JAI 855 DAPIX 181 CRIMORG 132 ENFOPOL 358 ENFOCUSTOM 167.*
